RABAT

*KUNSILL LOKALI IR-RABAT*

**MINUTI tal-Laqgħa A 24**
**Il-Kumitat Amministrattiv tal-Baħrija Itaqa' nhar**
**It-Tlieta 20 ta' Novembru 2012 fis-6.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Rabat**

Data u ħin

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Ċerpersin |
| Is-Sur Paul Galea | Viċi Ċerpersin |
| Is-Sur Anġlu Portelli | Membru |
| Is-Sur George Attard | Membru |

**Skużata:**

| | |
|---|---|
| Is-Sra. Joan Ann Farrugia Galea | Membru |

**Assenti:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur George Attard | Membru |

Il-laqgħa bdiet fis-6.10 p.m.

1.00 **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti A23**

1.01 Iċ-Ċerpersin Paul Grech ippropona li l-minuti tas-seduta A23 tal-Kumitat Amministrattiv ta' tal-Baħrija jittieħdu bħala moqrija. Issekonda din il-proposta s-Sur Paul Galea. — Qari u approvazzjoni tal-Minuti A23

2.00 **Korrezzjonijiet tal-Minuti A23**

2.01 Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni. — Korrezzjonijiet tal-Minuti A23

3.00 **Punti li joħorġu mill-Minuti A23** — Punti li joħorġu mill-Minuti A23

3.01 5.02 Is-Sur Anġlu Portelli saħaq dwar l-importanza li l-fossa t'isfel titbattal qabel — Il-fossa



KUNSILL LOKALI RABAT
8, Triq l-Isptar, Rabat RBT 1043, Malta Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

ma titbattal il-fossa ta' fuq peress li t'isfel tkun qed tfur. Huwa ċempel lill-Inġinier fejn infurmah li l-fossa qegħda tfur ta' kuljum, iżda s-sitwazzjoni baqgħet kif kienet. Għaldaqstant, ġie deċiż li l-Kunsill jikteb lill-Inġinier.

3.02 6.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informat 'il laqgħa li hemm proċess dwar l-offerti u rridu nimxu miegħu. Ix-xogħol għandu jibda hekk kif jintgħażel kuntrattur biex iwettaq dan ix-xogħol. 'Playing field'

3.03 7.04 Is-Sur Paul Grech informa 'l laqgħa li dan ix-xogħol għandu ma sarx. 'Patching' f'Bieb ir-Ruwa

3.04 7.06 Is-Sur Paul Grech informa 'l laqgħa li kienu għandhom qed jinġabru l-istimi għal dan ix-xogħol. Qtugħ ta' bużbież f'Wied Rini

3.05 8.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informat 'l laqgħa li l-Kunsill qabel mad-deċiżjoni li ħa l-Kumitat Amministrattiv. S'issa konna għadna qed nistennew risposta mingħand il-MEPA dwar l-*Impact Assessment Report*. Diskussjoni dwar applikazzjoni mal-MEPA – PA 6153/08

3.06 9.00 Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lill-membri sabiex iressqu l-proposti tagħhom għall-budget tas-sena d-dieħla. Diskussjoni dwar il-finanzi

**4.00 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv**

4.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informat 'l laqgħa li l-ikla tal-Milied għall-membri tal-Kumitati Amministrattivi, Kunsilliera u *staff* tal-Kunsill (mingħajr il-*partners*) ser issir nhar l-20 ta' Diċembru 2012 ġewwa l-*Intercontinental Hotel*. Ikla tal-Milied

**5.00 Komunikazzjoni mill-membri**

5.01 Is-Sur Anġlu Portelli saħaq li l-aktar żewġ toroq qodma fil-Baħrija huma Triq is-Sirena u Triq il-Ġnien tan-Nigra. Dawn it-toroq jinsabu fi stat ħażin ħafna u hemm bżonn li jingħatalhom wiċċ ġdid mill-aktar fis. Asfaltar ta' Triq is-Sirena u Triq il-Ġnien tan-Nigra

5.02 Is-Sur Paul Grech ippropona li tinġabar stima għall-asfaltar ta' erba' toroq: Tas-Sirena, Ġnien in-Nigra, Triq il-Mantell u Bieb ir-Ruwa (ħdejn il-White House). Asfaltar tas-Sirena, Ġnien in-Nigra, Triq il-Mantell u Bieb ir-Ruwa

5.03 Is-Sur Paul Grech ippropona li jingħata l-konkos fi Trejqa fi Triq il-Wied tal-Marġa, f'Wied Rini u l-Għemmieri. Il-Kumitat qabel. Xogħol ta' konkos fi Triq il-Wied tal-Marġa, Wied Rini u l-Għemmieri

6.00 **Aġġornament**

6.01 Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 18 ta' Diċembru 2012 fis-6.00 p.m. Aġġornament

6.02 Il-laqgħa ntemmet fis-7.00 p.m.

**Paul Grech**
**Ċerpersin**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**